MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 11(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2012, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
6. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

## 1. Qari tal-Minuti

1.1 Minuti numru 10(2012) kienu tqassmu qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur C.B. issekondata mis-Sur S.C. unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Ma kienx hemm

## 3 Korrispondenza

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 E-mail datat 8 ta' Ottubru 2012 mingħand is-Sur Luke Caruana mill-Malta Communications Authority li permezz tiegħu, il-Kunsill Lokali intalab permess għal attivita' fi Pjazza Madonna ta' Pompei. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara kuntatt li kellu mas-Sur Caruana kien ġie infurmat illi għall-attivita' msemmija kienet qiegħda tintalab żona ta' hames metri kwadri. Wara diskussjoni qasir fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b'mod unanimu, ġie deċiż illi l-Kunsill ma għandu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

3.2 E-mail datat 28 ta' Settembru 2012 mngħand is-Sur Robert Grima mill-MCCAA li permezz tagħha il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi l-istess MCCAA kienet ġie appuntata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex isiru spezzjonijiet ġodda fil-playing fields. Is-Sur Grima qal ukoll illi kien ser ikun hemm taħriġ għall-persuni li kienu ġew magħżula mill-Kunsill Lokali sabiex ikunu responsabbli mill-*playing fields*.

3.3 Permezz ta' e-mail datat 26 ta' Settembru 2012 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsill b'laqgħa għall-Kunsilliera li kienet ser tinżamm nhar is-Sibt 10 ta' Novembru 2012 ġewwa lukanda fil-Qawra. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ta' d-dettalji tal-laqgħa, il-Kunsilliera preżenti kollha ikkonfermaw li kienu ser jattendu għal-laqgħa in-kwistjoni.

3.4 Permezz ta' e-mail datat 3 ta' Ottubru 2012 is-Sunjura/ina Anna Vella mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi mit-tielet tranche ta' l-allokazzjoni li kienet ser tgħaddi fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill Lokali kienet ser titnaqqas is-somma ta' €120 in-koneessjoni mas-Servizz ta' WI-FI għall-perjodu Ġunju 2012 - Mejju 2013.

3.5 E-Mail datat 3 t'Ottubru 2012 mingħand is-Sur Steve Apap Bologna li permezz tiegħu talab lill-Kunsill Lokali permessi għal attivita' li kienet ser tinżamm nhar il-11 ta' Novembru 2012. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi s-Sur Apap Bologna, f'isem *The Ladybird Foundation* kien infurmah illi l-organizzazzjoni tiegħu kienet ittella' numru ta' attivitajiet għal għanijiet filantropiċi. Huwa żied illi l-attivita' kkonċernata kienet tikkonsisti f'maratona ta' 51 kilometru li kienet ser tispiċċa fi Pjazza Madonna ta' Pompei. Wara l-maratona kien ser ikun hemm ikla ġewwa Ta' Victor Restaurant għal madwar 100 persuna. *The Ladybird Foundation* kienet qiegħda titlob permess lill-Kunsill lokali sabiex jiġu riservati tliet *parking spaces* fi Triq San Ġużepp. Min-naha tiegħu is-sid ta' l-istabbiliment 'Ta' Victor' kien ser jikkuntattja lill-Kunsill lokali sabiex jinħareġ permess għall-imwejjed għal dak inhar ta' l-attivita'. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill kellu jilqa' t-talba ta' din l-organizzazzjoni. Madanakollu kellha ssir kundizzjoni illi fis-sit titpoġġa banner illi tindika l-attivita' u l-iskop tagħha sabiex ma jkunx hemm lok għal miżinterpretazzjoni.

3.6 Permezz ta' e-mail datat 2 ta' Ottubru 2012 Nature Trust Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qiegħda toġġezzjona għal aplikazzjonijiet numru PA01352/08 u PA04988/08 li t-tnejn kienu jikkonsistu f'estensjonijiet ta' *fish farms* eżistenti.

3.7 Permezz ta' ittra datata 29 ta' Settembru 2012, il-Koperativa Nazzjonali tas-Sajd LTD. infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qiegħda taqbel illi postijiet identifikati mill-Kunsill lokali ikunu eżenti minn bye-law dwar karrijiet u oġġetti oħra ta' ingombru li kienet ser tidħol fis-seħħ gewwa l-lokalita'. L-istess koperativa issuġġeriet illi għandu jinstab post għall-karrijiet tad-dgħajjes tas-sajjieda. Is-Sur Edric Micallef qal illi huwa kien ta' l-opinjoni

illi l-Kunsill Lokali jitlob liż-żewġ koperativi tas-sajjieda l-kunsiderazzjonijiet tagħhom dwar żewġ applikazzjonijiet li l-MEPA kienet ser tkun qiegħda tiddiskuti rigward estensjonijiet ta' fish farms ( PA01352/08 u PA 04988/08). Kien hemm qbil illi dan għandu iseħħ.

3.8 E-Mail datat 2 ta' Ottubru 2012 mingħand MEPA li permezz tiegħu, il-Kunsill Lokali ġie mħeġġeġ jagħmel kuntatt mal-Perit Alexander Borg kemm il-darba kien interessat illi jittella' *boundary wall* ma' plot mhux mibni fi Triq Tonini Attard minn fondi ta' l-*Urban Improvement Fund*. Is-Sur E.M. qal illi fi Triq Tonin Attard kienet twaħħlet tabella illi tindika illi kien ser jingħata wiċċ ġdid bit-tarmac minn Transport Malta. Għaldaqstant fl-opinjoni tiegħu kellha tintbagħat ittra lil MEPA Sabiex l-istess awtorita' tikkordina ma' Transport Malta halli jkun jista' jsir ix-xogħol imsemmi.

3.9 Permezz ta' e-mail datat 28 ta' Settembru 2012, il-Perit Audrey Testaferrata de Noto minn Transport Malta, infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta kienet qiegħda tapprova l-proposta ta' *yellow-lines* fi Triq il-Port Ruman. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien qiegħed jimplimenta din id-deċiżjoni tant illi parti mis-sinjali msemmija kienu diġa' saru.

3.10 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Ottubru 2012, il-kap ta' l-iskola primarja tal-Gvern infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru 2012 kien ser ikun hemm Kunċert tal-Milied flimkien ma' għoti ta' premjijiet. Filwaqt li stiednet lill-Kunsill għall-attivitajiet, il-kap ta' l-iskola talbet lill-Kunsill jevalwa l-possibilita' illi jgħin fix-xiri ta' kotba. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi minħabba l-fatt illi l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet, it-talba tal-kap ta' skola ma setgħetx tiġi milqugħa.

3.11 E-mail datat 8 ta' Ottubru 2012 mingħand Maria Gauci mil-Ministeru għar-Riżorsi u l-affarijiet Rurali li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie miltub jissuġġerixxi siti għal *charging pillars* sabiex ikunu jistgħu jintużaw minn vetturi elettriċi. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi hekk kif propost fil-passat kellu jiġi ssuġġerit illi c-charging pillars jiġu installati biswit il-latrini pubbliċi. Il-Kunsill kelli jitlob illi l-istess *charging pillars* ikunu jaħdmu bl-enerġija solari sabiex jitnaqqas it-tniġġis.

3.12 E-Mail datat 12 t'Ottubru 2012 mingħand Zelda Zerafa li permezz tiegħu f'isem *Dogs Trust Malta* intalab permess sabiex darba f'xahar din l-għaqda tkun tista' tarma stand b'informazzjoni dwarha. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma għandu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

3.13 Ittra datata 15 t'Ottubru 2012 mingħand is-Sur John Micallef f'isem Bike Boyz Malta li permezz tagħha il-Kunsill intalab jirriserva post għall-parkeġġ għam madwar 100-150 mutur għal attivita' li kienet ser tittella' mill-istess għaqda. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi minħabba illi l-kwantita' ta' muturi kienet waħda konsiderevoli kemm il-darba tiġi riservata żona kienu ser jinħolqu xi problemi. Għaldaqstant din l-għaqda kellha tiġi infurmata illi l-Kunsill Lokali ma setax jilqa' t-talba tagħha.

3.14 Permezz ta' e-mail datat 8 t'Ottubru 2012, is-Sinjura/ina Carol Fenech infurmat lill-Kunsill Lokali illi minkejja li s-sitwazzjoni ta' siġurta' għall-istudenti fi Triq San Franġisk kienet tjiebet xi ftit, kien għad hemm periklu peress li Triq tax-Xerriek kienet għadha miftuħa u talbet lill-Kunsill x'kien ser isir f'dan ir-rigward. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbagħat e-mail lis-Sinjura/ina Fenech li permezz tagħha tiġi infurmata illi l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward din it-talba, li kienet diġa ġiet mgħoddija lill-istess sinjura/ina Fenech, ma kentix inbidlet.

3.15 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Settembru 2012, is-Sinjura/ina Marica Toma mill-Kunsill Lokali ta' Cadeo infurmat lis-Sindku illi kienet ser tinżamm laqgħa mal-kapijiet ta' skejjel tal-belt tagħha sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi jkun hemm skambju ta' żgħażagħ bejn l-ibliet ta' Cadeo u Marsaxlokk.

## 4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

4.1 Is-Sindku qal illi wara li l-Kunsill Lokali kien ħa d-deċiżjoni illi jwaqqaf l-aġġudikar ta' sejħa għall-offerti għat-tindif ta' wara il-monti li kien jarma nhar ta' Ħadd ġewwa l-lokalita' kienet inħarġet stqarrija għall-istampa sabiex kulħadd ikun infurmat illi l-Kunsill Lokali ma kienx ser jibqa' jieħu ħsieb it-tindif wara nhar il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2012. Huwa żied illi fil-frattemp kien qiegħed ikollu korrispondeza mas-Sur Joseph Azzopardi, *Monitoring Officer,* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. E.M. qal illi filwaqt li s-Sur Azzopardi kien qiegħed jinsisti illi l-Kunsill Lokali kien ser jinżamm responsabbli kemm il-darba ma jsirx it-tindif wara s-suq fil-beraħ, f'isem il-Kunsill Lokali huwa kien qiegħed jappella din id-deċiżjoni abbażi tal-fatt illi avviż legali 119 ta' l-2002 kien jgħid illi l-bejjiegħa tas-Suq fil-beraħ kienu kollettivament responsabbli sabiex iħallu s-sit nadif wara li jżarma l-istess suq fil-beraħ. Għaldaqstant, dan kien ifisser illi s-sit ma kellux għalfejn jiġi mnaddaf mill-Kunsill Lokali wara l-operat tas-suq fil-beraħ. Is-Sur Micallef informa lill-Kunsill illi l-korrispondenza dwar dan il-każ kienet għadha għaddejja u kien ser iżomm lill-Kunsill aġġornat b'eventwali żviluppi.

4.2 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsill illi wara li Nature Trust, bil-kollaborazzoni tal-Kunsill Lokali, kienet organizzat ġurnata tindif ġewwa Delimara xi individwu/i kienu tefgħu xi skart goff fis-siti li kienu għadhom kemm tnaddfu. Huwa qal illi sensiela ta' korrispondenza bejnu, il-Ministeru ghar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali u *Nature Trust* kien ġie ssuġġerit illi jiġu nstallati CCTV *cameras*. E.M. żied jgħid illi rappreżentanta ta' *Nature Trust* kienet infurmatu b'*cameras* partikolari li setgħu jinxtraw minn sit elettroniku partikolari bi spiża ta' madwar mitt ewro. Huwa qal illi l-vantaġġ ta' dawn il-carmeras kien illi kienu jaħdmu bil-batteriji u għaldaqsant wieħed seta' iċaqlaqhom faċilment. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi l-Kunsill kellu jixtri camera sabiex tiġi installata fis-sit.

## 5 Approvazzjoni ta' ħlasijiet

5.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Micallef il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 08/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill *quarterly report* għall-perjodu April-Ġunju 2012. D.H. għadda sabiex jagħti spjegazzjoni tar-rapport ikkonċernat u ta' rendikont tad-dħul u infiq li kien għamel il-Kunsill Lokali fil-perjodu kkonċernat. Huwa żied jgħid illi minkejja illi ma kenux saru nefqiet kapitali sostanzjali kien hemm oqsma li fihom il-Kunsill Lokali kien nefaq aktar minn dak li kien ħaseb għalih fil-budget tal-2012 u ta' parir lill-Kunsilliera sabiex jixtarru l-bżonnijiet tal-lokalita' għax-xhur segwenti sabiex kemm il-darba ikun possibbli jillimita l-ispejjeż fl-oqsma kkonċernati. Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex ir-rapport ta' kull kwart jiġi approvat hekk kif propost. Is-Sur Angelo Micallef issekonda il-proposta tas-Sur Bugeja li għaddiet b'votazzjoni unanima.

**6 Affarijiet oħra**

6.1 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jżomm laqgħa mas-Sur Saviour Ellul u mas-Sur Joseph Caruana b'konnessjoni ma' applikazzjonijiet numru PA/01352/08 u PA/04988/08 li kienu ser jiġu diskussi mill-MEPA. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-proposta tas-Sur Bugeja kellha tintlaqa'.

6.2 Is-Sur Stephen Caruana qal illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm bżonn illi jiġi ffriskat double yellow line f'Xatt is-Sajjieda ( faċċata ta' l-istabbiliment 'Rising Sun') u f'kantuniera fi Triq il-Galjazz. Kien hemm qbil unanimu illi dan ix-xogħol kellu jiġi ordnat.

6.3 Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jibda' jaħdem fuq *web-site* ġdida hekk kif kien ġie deċiż f'seduta passata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara d-deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Kunsill Lokali kellu kuntatti ma' MITA u *web-site* antika li kellu l-Kunsill Lokali kienet ser tingħalaq sa tmiem il-ġimgħa. Sadanittant l-amministrazzjoni kellha taħdem sabiex jibda' jsir it-tfassil ta' sejħa għall-offerti sabiex issir *web-site* ġdida.

6.4 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm bżonn illi tinbidel kamra tal-banju li kienet tinstab fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali għaliex kienet fi stat ħażin ħafna. Għal dan il-għan huwa kien talab lill-amministrazzjoni sabiex tiġbor stimi għal kamra tal-banju ġdida. Is-Sur Micallef qal illi l-amministrazzjoni kienet ġabret żewġ stimi waħda mingħand Alex Mercieca Ltd. li kienet tammonta għal €1202.81 u l-oħra mingħand Novita' Bagno li l-valur tagħha kien ta' €702. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi minħabba l-fatt illi l-ispiża ma kenitx waħda żgħira il-Kunsill jipposponi din l-inizjativa.

6.5 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill kellu jibda' jippjana għall-Milied 2012. S.G. qal illi huwa kien tal-parir illi minflok attivita' bħal ma saru fis-snin preċedenti, il-Kunsill kellu jinvesti fi dwal għal Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Grech qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien ħa ħsieb illi jiġbor xi stimi għal tiżjin. Wara diskussjoni libera, fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill approva s-somma ta' €2000 għall-proposta tas-Sur Grech.

6.6 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jinħtieġ illi tittieħed deċiżjoni rigward il-karrijiet u dgħajjes li kien hemm biswit skal ħdejn l-istabbiliment 'is-Sajjied'. Huwa żied illi wara li kienet instemgħet l-opinjoni ta' sidien il-karrijiet u dgħajjes, li fil-fehma tiegħu ma kienux ser jikkollaboraw mal-Kunsill Lokali u jneħħu l-ingombru hekk kif ġew miltuba, kien ta' l-ideja illi l-Kunsill jieħu ħsieb ineħħi l-karrijiet u dgħajjes in-kwistjoni a-spejjeż tas-sidien rispettivi. Wara diskussjoni dwar din it-tema kien hemm qbil illi għandha tintalab il-kollaborazzjoni tal-korp tal-pulizija sabiex kemm il-darba ikun hemm min ma josservax l-istruzzjonijiet tal-Kunsill Lokali u jħalli d-dgħajjes/karrijiet tittieħed azzjoni u dawn jiġu mwarrba.

6.7 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill kellu jieħu l-inizjativa u jagħmel kuntatt mas-Sidien ta' l-istabbilimenti f'Xatt is-Sajjieda sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi l-palm taż-żona jiżżejjen permezz ta' *rope light*. Huwa qal illi idejalment il-palm li kellhom jiżżejnu kienu dawk minn Pjazza Madonna ta' Pompei sa' tarf Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Grech qal illi meta kien sar il-proġett ta' Xatt is-Sajjieda, kienu ġew mgħoddija pajpijiet sabiex minnhom ikun jistgħu jgħaddu l-*wires* ta' l-elettriku. Wara diskussjoni libera dwar

din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kelli jinbgħat ittra lis-Sidien ta' l-istabbilimenti sabiex tiġi esplorata l-possibilita' illi din l-inizjativa timmaterjalizza.

6.8 Is-Sur Steven Grech qal illi f'Xatt is-Sajjieda kien hemm xi palm li kien miet u li kien qiegħed ikerrah id-dehra tal-*promenade*. Is-Sur Grech żied jgħid illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill kellu jaqla' xi palm li kien għadu żgħir minn biswit l-istabbiliment 'Harbour Lights' sabiex jitħawwel minflok dak li kien miet. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill kellu jimplimenta l-proposta tas-Sur Grech.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġie aġġornata għal nhar

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**